

Li Tkun Iswed fl-UE It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni

Sommarju



L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi d-dritt li wieħed ikun ħieles mid-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tar-razza, tal-oriġini etnika jew soċjali, tar-reliġjon jew tat-twemmin, tal-opinjoni politiki jew ta' kwalunkwe opinjoni oħra.

Persuni ta' dixxendenza Afrikana ilhom jagħmlu parti integrali min-nisġa soċjali tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Mis-sena 2000 'l hawn, l-Unjoni stabbiliet leġiżlazzjoni biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni razzjali u l-kriminalità razzista, u sforzi ta' politika diversifikati ppruvaw jindirizzaw ir-razziżmu fil-livell tal-UE.

Minkejja dan, madwar l-UE, persuni ta' dixxendenza Afrikana jiffaċċjaw preġudizzju u esklużjoni mifruxa u stabbiliti. Id-diskriminazzjoni razzjali u l-fastidju huma komuni. L-esperjenzi bi vjolenza razzista jvarjaw, iżda jilhqg sa 14 %. It-tfassil diskriminatorju ta' profil mill-pulizija huwa realtà komuni. L-intoppi għall-inklużjoni għandhom ħafna aspetti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda tiftix ta' impiegi u abitazzjoni.

Dawn huma biss xi wħud mis-sejbiet mit-tieni stħarriġ fuq skala kbira tal-FRA dwar il-migranti u l-migrazzjoni madwar l-UE (EU-MIDIS II) li, fost affarijiet oħra, eżamina l-esperjenzi ta' kważi 6 000 persuna ta' dixxendenza Afrikana fi 12-il Stat Membru tal-UE. Dan is-sommarju jippreżenta r-risultati prinċipali ta' dak l-isforz.

Kemm l-EU-MIDIS II u l-ewwel mewġa tal-Istħarriġ tal-FRA dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni fl-UE (EU-MIDIS I) jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika fl-UE u fl-Istati Membri tagħha għal diskrepanzi fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE rilevanti. L-evidenza u l-opinjoni ippreżentati jistgħu jgħinu uhom jiżviluppaw risposti legali u ta' politika mmirati. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll l-evidenza biex jivvalutaw il-progress fir-rigward tal-impenji tagħhom skont id-Deċennju Internazzjonali għal Persuni ta' Dixxendenza Afrikana. Barra minn hekk, huma jistgħu jużaw id-*data* biex jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (*Sustainable Development Goals - SDGs*), speċjalment l-SDG 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fi ħdan u fost il-pajjiżi, u l-SDG 16 dwar il-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom.

Sejbiet ewlenin u opinjonijiet tal-FRA

L-opinjonijiet tal-FRA li ġejjin ikomplu jibnu fuq is-sejbiet tal-istħarriġ tal-EU-MIDIS II relatat ma' rispondenti ta' dixxendenza Afrikana. L-opinjonijiet huma indirizzati lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, biex jgħinuhom jiżviluppaw miżuri effettivi u mmirati biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni razzjali, ir-razziżmu u l-ksenofobija.

L-opinjonijiet huma bbażat fuq evidenza ġġenerata mill-istħarriġ u mill-qafas legali attwali tal-UE, inklużi:

- id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE),
- id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija (2008/913/ĠAI), u
- id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE).

Il-fastidju u l-vjolenza razzisti huma okkorrenzi komuni

RIŻULTATI EWLENIN

Fastidju mmotivat mir-razziżmu

- Kważi wieħed minn kull tliet rispondenti ta' dixxendenza Afrikana (30 %) esperjenza dak li ġie pperċepit bħala fastidju razzist fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ; wieħed minn kull ħamsa (21 %) esperjenzaw dan il-fastidju fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ (20 % tan-nisa u 23 % tal-irġiel).
- Ir-rati ta' fastidju razzist fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ ivarjaw konsiderevolment fost l-Istati Membri tal-UE, minn 20 % tar-rispondenti f'Malta u 21 % fir-Renju Unit, sa 63 % tar-rispondenti fil-Finlandja.
- B'mod l-aktar komuni, esperjenzi ta' fastidju razzist jinvolvu sinjali mhux verbali (22 %) jew kummenti offensivi jew ta' theddid (21 %), segwiti minn theddid ta' vjolenza (8 %).
- Huwa aktar probabbli li rispondenti żgħażaġh jesperjenzaw fastidju razzist. Ir-riskju ta' dawn l-esperjenzi jonqos bl-età.
- Kienu biss 14 % tal-inċidenti ta' fastidju razzist l-aktar reċenti li ġew irrappurtati lill-pulizija jew lill-servizzi oħra (16 % tal-inċidenti fil-konfront tan-nisa, 12 % tal-inċidenti fil-konfront tal-irġiel), li jfisser li l-maġġoranza vasta tal-inċidenti qatt ma ġew irrappurtati.

Vjolenza mmotivata mir-razziżmu

- Fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, madwar 5 % tar-rispondenti esperjenzaw dak li huma pperċepew bħala vjolenza razzista (inkluż attakk minn uffiċjal tal-pulizija). L-ogħla rati ġew irreġistrati fil-Finlandja (14 %) u fl-Irlanda u fl-Awstrija (it-tnejn li huma 13 %), segwiti mil-Lussemburgu (11 %). Ir-rati l-aktar baxxi ġew osservati fil-Portugall (2 %) u fir-Renju Unit (3 %)¹. Fl-istess perjodu, 127 risponent (2 %) – prinċipalment irġiel żgħażaġh – esperjenzaw attakk razzist minn uffiċjal tal-pulizija; l-ogħla rata ġiet irreġistrata fl-Awstrija (5 %).
- Fis-sena ta' qabel l-istħarriġ, 3 % esperjenzaw attakk fiżiku razzist (inkluż attakk minn uffiċjal tal-pulizija). L-ogħla rata ġiet irreġistrata għar-rispondenti fl-Awstrija (11 %).
- Ma hemmx differenzi notevoli fir-rati ta' vjolenza razzista lejn l-irġiel u n-nisa (7 % vs 5 %). Madankollu, huwa darbtejn aktar probabbli li rġiel li jilbsu l-bies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku jesperjenzaw vjolenza razzista, meta mqabbel ma' rġiel li ma jagħmlux dan (12 % vs 5 %). Dawn id-differenzi mhumiex osservati fost in-nisa.
- Il-biċċa l-kbira mill-vittmi (61 %) ma jafux lill-awturi, iżda ġeneralment jidentifikawhom bħala li ma jkunux ġejjin minn sfond ta' minoranza (65 %). Madwar 38 % tal-vittmi identifikaw lill-awturi bħala li jkunu ġejjin minn sfond ta' minoranza etnika differenti minn tagħhom. Wieħed minn kull 10 minn dawk li jesperjenzaw vjolenza razzista jgħidu li l-awtur kien uffiċjal tal-infurzar tal-liġi (11 %).


1 Ir-riżultati huma bbażati fuq għadd żgħir ta' każijiet u għalhekk huma inqas affidabbli.

- Il-maġġoranza (64 %) tal-vittmi ta' vjolenza razzista ma rrapportawx l-inċident l-aktar reċenti lill-pulizija jew lil xi organizzazzjoni jew servizz. Hemm differenzi sostanzjali bejn l-irġiel u n-nisa: nofs il-vittmi nisa ta' vjolenza razzista (50 %) irrapportaw li l-inċident l-aktar reċenti lill-pulizija jew lil organizzazzjoni oħra, iżda wieħed minn kull erba' rġiel biss (23 %) għamlu dan.
- Maġġoranza (63 %) mill-vittmi ta' attakk fiżiku razzist minn uffiċjal tal-pulizija ma rrapportaw l-inċident lil ħadd, jew minħabba li ħassew li r-rappurtar ma kien se jibdel xejn (34 %), jew inkella minħabba li ma jafdawx jew jibzġghu mill-pulizija (28 %).

Proporzjonijiet sinifikanti ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana jesperjenzaw fastidju razzist u vjolenza razzista fit-12-il pajjiż mistħarrġa, inkluż mill-pulizija. Ftit li xejn jirrapportaw dawn l-inċidenti lil xi awtorità jew korp.

Terz tar-rispondenti (30 %) jgħidu li huma esperjenzaw fastidju razzist fil-ħames snin ta' qabel l-istħarrġ; wieħed minn kull ħamsa (21 %) jgħidu li esperjenzaw dan fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarrġ. Iżda 14 % tar-rispondenti biss irrapportaw l-inċident l-aktar reċenti ta' dan it-tip lil xi awtorità. B'mod l-aktar komuni, esperjenzi ta' fastidju razzist jinvolvu

Figura 1: Prevalenza ta' fastidju razzist ipperċepit fil-ħames snin ta' qabel l-istħarrġ, skont il-pajjiż (%)^{a,b}



Noti: ^a Minn fost ir-rispondenti kollha ta' dixxendenza Afrikana (n=5,803); riżultati pponderati.

^b Mistoqsija: "Kemm-il darba xi ħadd għamel dan f'dawn l-aħħar ħames snin f'[PAJJIŻ] (jew minn kemm ilek f'[PAJJIŻ]) [jiġifieri, kull wieħed mill-ħames tipi ta' fastidju li kien hemm mistoqsijiet dwarhom fl-istħarrġ] minħabba fl-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni tiegħek?"

Sors: il-FRA, EU-MIDIS II 2016

sinjali mhux verbali (22 %) jew kummenti offensivi jew ta' theddid (21 %), segwiti minn theddid ta' vjolenza (8 %).

Rigward il-vjolenza razzista, 5 % tar-rispondenti jgħidu li esperjenzaw attakk razzist fil-5 snin ta' qabel l-istħarriġ; 3 % jgħidu li esperjenzaw dan fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. Madankollu, żewġ terzi (64 %) mill-vittmi ta' vjolenza razzista, kif ukoll maġġoranza (63 %) mill-vittmi ta' attackki fiżiċi razzisti minn uffiċjal tal-pulizija, ma rrapportaw l-inċident l-aktar reċenti lill-ebda organizzazzjoni — jew minħabba li ħassew li r-rappurtar ma kien se jibdel xejn (34 %), jew inkella minħabba li l-vittmi ma jafdawx jew jibzġħu mill-pulizija (28 %).

Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-vittmi (61 %) ma jafux lill-awturi, huma ġeneralment jidentifikawhom bħala li ma jkunux ġejjin minn sfond ta' minoranza (65 %). Madwar 38 % tal-vittmi identifikaw lill-awturi bħala li jkunu ġejjin minn sfond ta' minoranza etnika differenti minn tagħhom. Wieħed minn kull 10 (11 %) minn dawk li esperjenzaw vjolenza razzista jgħidu li l-awtur kien uffiċjal tal-infurzar tal-liġi.

Id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija teħtieġ li motivazzjoni abbażi ta' preġudizzju titqies bħala ċirkustanza aggravanti jew li tittieħed inkunsiderazzjoni mill-qrati fid-determinazzjoni tal-penali imposti fuq it-trasgressuri (l-Artikolu 4). Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi teħtieġ li l-vittmi ta' reat ta' mibegħda jirċievu valutazzjoni individwali biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tagħhom (Artikolu 22). L-implimentazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni tinvolvi li l-vittmi jiġu mħeġġa jirrapportaw reati razzisti lill-pulizija, kif ukoll li jiġi żgurat li l-pulizija tirreġistra b'mod xieraq il-motivazzjoni razzista f'ħin ir-rappurtar. Dan mhux biss jappoġġa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità razzista, iżda jipprovdi wkoll il-bażi għal appoġġ għall-vittmi aktar effettiv.

F'dan ir-rigward, huwa inkoraġġanti li l-Istati Membri qablu fuq tliet settijiet ta' prinċipji gwida ewlenin

relatati mar-reati ta' mibegħda u l-appoġġ għall-vittmi fl-2017, fil-qafas tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza. Dawn is-settijiet ta' prinċipji huma relatati mat-taħriġ kontra r-reati ta' mibegħda għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali; mat-titjib tar-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; u mal-iżgurar ta' ġustizzja, protezzjoni u appoġġ għall-vittmi tar-reati ta' mibegħda u tad-diskors ta' mibegħda. Fl-2018, il-FRA u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) bdew jaħdmu mal-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw il-prinċipji gwida għat-titjib tar-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda.

Opinjoni 1 tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' kriminalità razzista jistgħu jfittxu rimedju u li jiġu offruti appoġġ adegwat. Huma jistgħu jiksibu dan billi japplikaw il-prinċipji gwida relatati mar-reati ta' mibegħda u l-appoġġ għall-vittmi maqbula mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' rieda tal-vittmi li jirrapportaw il-kriminalità razzista lil xi awtorità jew korp; b'mod partikolari fejn l-uffiċjali tal-pulizija jkunu l-allegati awturi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li investigazzjonijiet jew prosekuzzjoni ta' reati razzisti ma jkunux jiddependu fuq rapport jew akkuża li ssir minn vittma, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija. L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jitolbu għajnuna mill-FRA jew mill-ODIHR fl-applikazzjoni tal-prinċipji gwida maqbula mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu valutazzjonijiet individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tal-vittmi ta' kriminalità razzista, f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.



Waqfiet mill-pulizija spiss jiġu esperjenzati bħala tfassil ta' profil razzjali

RIŻULTATI EWLENIN

Waqfiet mill-pulizija u tfassil ipperċepit ta' profil razzjali

- Wieħed minn kull erba' (24 %) rispondenti ta' dixxendenza Afrikana twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ; 11 % twaqqfu fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.
- Fost dawk li twaqqfu fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, 44 % jemmnu li l-waqfa l-aktar reċenti li esperjenzaw kellha motivazzjoni razzjali. Din il-fehma ġiet kondiviża fl-ogħla rati minn rispondenti fl-Italja (70 %) u fl-Awstrija (63 %), u fir-rati l-aktar baxxi minn rispondenti fil-Finlandja (18 %).
- Ir-rati ta' waqfiet mill-pulizija u ta' tfassil ipperċepit ta' profil razzjali jvarjaw b'mod sostanzjali fost il-pajjiżi. Fiż-żewġ perjodi – 5 snin u 12-il xahar qabel l-istħarriġ – l-ogħla rati ta' twaqqif tar-rispondenti kienu fl-Awstrija (5 snin: 66 %, 12-il xahar: 49 %) u fil-Finlandja (5 snin: 38 %, 12-il xahar: 22 %). Madankollu, fl-Awstrija, ir-rata li fiha l-waqfa mill-pulizija l-aktar reċenti ġiet perċepita bħala tfassil ta' profili etniċi hija kważi 8 darbiet ogħla milli fil-Finlandja (31 % vs 4 %), meta jitqies il-perjodu ta' 12-il xahar qabel l-istħarriġ.
- Huwa tliet darbiet aktar probabbli li jitwaqqfu rgjel milli nisa (22 % vs 7 %), u huwa erba' darbiet aktar probabbli li dawn jipperċepixxu l-waqfa l-aktar reċenti bħala tfassil ta' profil razzjali (irġiel: 17 %, nisa: 4 %).
- Fir-rigward tal-età, ir-riżultati juru xejra lineari, bi probabbiltà akbar li rispondenti ta' età aktar baxxa jipperċepixxu li l-waqfa l-aktar reċenti kellha motivazzjoni razzjali. Speċifikament, wieħed minn kull żewġ rispondenti ta' bejn 16-il sena u 24 sena (49 %) li twaqqfu fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ jipperċepixxu l-waqfa l-aktar reċenti bħala li kellha motivazzjoni razzjali. B'kuntrast ma' dan, kull rispondent minn tlieta (35 %) li għandu bejn 45 u 59 sena għandu din il-fehma.

Trattament mill-pulizija u fiduċja

- Maġġoranza (60 %) tar-rispondenti li twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ jgħidu li ġew ittrattati b'rispett matul il-waqfa l-aktar reċenti. Sadanittant, 16 % jgħidu li l-pulizija ttrattawhom mingħajr rispett. Proporzjonijiet akbar ta' rispondenti jemmnu li huma ġew ittrattati mingħajr rispett fid-Danimarka (30 %) u fl-Awstrija (29 %).
- Huma biss 9 % tar-rispondenti li qalu li ġew ittrattati mingħajr rispett li għamlu rapport jew ressuq lment dwar dan.
- Kumplessivament, il-livell ta' fiduċja tar-rispondenti fil-pulizija huwa ta' 6.3 fuq skala minn 0 sa 10, fejn 0 jfisser "l-ebda fiduċja" u 10 jindika "fiduċja sħiħa". Ir-rispondenti fil-Finlandja huma dawk li jafdaw l-aktar lill-pulizija (8.2). B'kuntrast ma' dan, ir-rispondenti fl-Awstrija għandhom l-inqas livell ta' fiduċja fil-pulizija (3.6).
- Ir-riżultati juru li l-livelli ta' fiduċja fil-pulizija mhumieq affettwati mill-waqfa mill-pulizija nfisha, iżda minn jekk il-waqfa tiġix perċepita bħala tfassil ta' profil razzjali. Il-livell ta' fiduċja l-aktar baxx fil-pulizija jinsab fost rispondenti li jipperċepixxu l-waqfa mill-pulizija l-aktar reċenti li huma esperjenzaw bħala tfassil ta' profil razzjali (4.8).

Għadd kbir ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana li jitwaqqfu mill-pulizija jgħidu li huma jesperjenzaw tfassil ta' profil razzjali, prattika illegali li toqot ħażin il-fiduċja tagħhom fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.


Kwart (24 %) mill-persuni kollha ta' dixxendenza Afrikana li pparteċipaw fl-istħarriġ twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Fost dawn, 4 minn kull 10 kkaratterizzaw il-waqfa l-aktar reċenti bħala tfassil ta' profil razzjali (41 %). Rispondent

ieħor minn kull 10 (11 %) twaqqfu mill-pulizija fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, b'4 minn kull 10 fosthom jikkarakterizzaw il-waqfa l-aktar reċenti bħala tfassil ta' profil razzjali (44 %). Huwa tliet darbiet aktar probabbli li jitwaqqfu rgjel (22 %) milli nisa (7 %), u huwa aktar probabbli li dawn iqisu l-waqfa l-aktar reċenti bħala tfassil ta' profil razzjali (44 %) meta mqabbel man-nisa (34 %).

Kumplessivament, ir-rispondenti jikklassifikaw il-fiduċja tagħhom fil-pulizija f'livell ta' 6.3 fuq skala minn 0 sa 10, fejn 0 jfisser "l-ebda fiduċja" u 10 jindika "fiduċja sħiħa". Il-livell medju ta' fiduċja

l-aktar baxx fil-pulizija jinstab fost rispondenti li jqisu li l-waqfa mill-pulizija l-aktar reċenti li esperjenzaw bħala tfassil ta' profil razzjali (4.8).

Figura 2: Prevalenza ta' waqfiet mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, skont il-pajjiż (%)^{a,b,c,d,e}



Noti: ^a Mir-rispondenti kollha ta' dixxendenza Afrikana (n = 5,803); riżultati pponderati, elenkati skont ir-rata ta' waqfiet bi tfassil ipperċepit ta' profil razzjali.

^b Il-perċentwal totali tar-rispondenti li twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ jiġi kkalkulat billi jingħaddu flimkien żewġ ċifri: iċ-ċifra tal-perċentwal ta' dawk li twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ u li pperċepew li dan kien minħabba l-isfond ta' immigrazzjoni jew etniku tagħhom, u iċ-ċifra tal-perċentwal ta' dawk li twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, iżda li ma qisux li dan kien minħabba l-isfond ta' immigrazzjoni jew ta' minoranza etnika tagħhom.

^c Riżultati bbażati fuq għadd żgħir ta' risposti huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, riżultati bbażati fuq bejn 20 u 49 osservazzjoni mhux ipponderati f'total tal-grupp, jew ibbażati fuq ċelloli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ipponderati huma mniżżla f'parentesi. Riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ipponderati f'total tal-grupp mhumiex ippubblikati.

^d Mistoqsija: "F'dawn l-aħħar ħames snin f'[PAJJIŻ] (jew minn kemm ilek f'[PAJJIŻ]), qatt twaqqaft, kont soġġett għal tiftix, jew ġejt interrogat mill-pulizija?"

^e Xi żbarri ma jammontawx għal 100 %; dan huwa dovut għall-approssimazzjoni tan-numri.

Sors: il-FRA, EU-MIDIS II 2016

It-tfassil ta' profili jinvolvi l-kategorizzazzjoni ta' individwi skont karatteristiki personali, li jistgħu jinkludu l-oriġini razzjali jew etnika, il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon jew in-nazzjonalità. Għal aktar dwar it-tfassil ta' profili, ara l-gwida tal-FRA dwar "Prevenzjoni ta' tfassil illegali ta' profili fil-preżent u fil-futur" (*Preventing unlawful profiling today and in the future*). Il-prattika tintuża b' mod komuni u leġittimu mill-pulizija biex jipprevjenu, jinvestigaw u jwettqu prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Madankollu, it-tfassil ta' profil razzjali huwa diskriminatorju u illegali. Dan it-tfassil ta' profili huwa ddefinit bħala l-użu, mill-pulizija, bl-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli, ta' raġunijiet bħar-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjoni, in-nazzjonalità jew l-oriġini nazzjonali jew etnika f'attivitajiet ta' kontroll, ta' sorveljanza jew ta' investigazzjoni, kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni Ġenerali ta' Politika N 11 tal-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza.

Opinjoni 2 tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw gwida speċifika, Prattika u lesta għall-użu biex jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija ma jwettqux tfassil ta' profil razzjali meta jeżerċitaw dmirjiethom. Kif inhu osservat fil-gwida tal-FRA dwar il-prevenzjoni ta' tfassil illegali ta' profili (Diċembru 2018), li se tiġi ppubblikata dalwaqt, din il-gwida tista' tiġi mehmuża mal-leġiżlazzjoni rilevanti, tinħareġ mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jew tiġi inkluża fil-proċedura operazzjonali standard tal-pulizija, jew fil-kodiċijiet ta' mgħiba għall-uffiċjali tal-pulizija, bħala mezz ta' kif jiżiedu l-effettività u l-ilħuq tagħha. B' mod sistematiku, għandha tiġi kkomunikata gwida lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi ta' quddiem nett, mit-tmexxija tagħhom.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jgħinu lill-awtoritajiet rilevanti fl-iżvilupp ta' gwida għall-pulizija fil-komunità, bħala mezz ta' tpattija għall-impatt negattiv eżistenti tat-tfassil ta' profil razzjali fuq il-fiduċja fil-pulizija fost membri ta' gruppi ta' minoranza etnika. Il-pulizija fil-komunità tinvolvi lill-pulizija f'ħidma mar-residenti, in-negozji u gruppi lokali oħra fil-komunità, biex tiġi tnaqqas il-kriminalità u l-biża' mill-kriminalità, biex tiġi indirizzata mgħiba antisoċjali, u biex tingħata spinta lill-koeżjoni komunitarja. L-Istati Membri għandhom iqisu li jitolbu lill-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u lill-FRA biex jgħinuhom jiżviluppaw gwida f'dawn l-oqsma.

Id-diskriminazzjoni razzjali hija realtà fl-oqsma kollha tal-ħajja

RIŻULTATI EWLENIN

- Kumplessivament, 39 % tar-rispondenti ta' dixxendenza Afrikana ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Wieħed minn kull erbgħa (24 %) ħassew diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. L-ogħla rati perċepiti ta' diskriminazzjoni fil-perjodu ta' 12-il xahar jinstabu fil-Lussemburgu (50 %), fil-Finlandja (45 %), fl-Awstrija (42 %) u fid-Danimarka (41 %). Ir-rati l-aktar baxxi jinsabu fir-Renju Unit (15 %) u fil-Portugall (17 %).
- Il-kulur tal-ġilda huwa l-bażi ta' diskriminazzjoni l-aktar komuni identifikat, imsemmi minn aktar minn kuart (27 %) tar-rispondenti, b'rati oġġla għall-irġiel (30 %) milli għan-nisa (24 %). It-tieni bażi ta' diskriminazzjoni l-aktar komuni identifikata hija l-oriġini etnika (19 %). Madwar 5 % tar-rispondenti ħassew diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom minħabba r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż tagħhom.
- Wieħed minn kull 10 (12 %) rispondenti li jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku jgħidu li esperjenzaw diskriminazzjoni reliġjuża, b'dan ikun aktar frekwenti fost l-irġiel (17 %) milli fost in-nisa (9 %).
- Ftit rispondenti (16 %) li ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom irrappurtaw jew ressqu lment dwar l-inċident l-aktar reċenti. L-ogħla rati ta' rappurtar huma osservati fil-Finlandja (30 %), fl-Irlanda (27 %) u fl-Iżvezja (25 %), u dawk l-aktar baxxi fl-Awstrija (8 %), fil-Portugall u fl-Italja (9 % kull wieħed).
- Kumplessivament, 46 % tar-rispondenti jafu mill-inqas korp tal-ugwaljanza wieħed fil-pajjiż li jgħixu fih. L-ogħla livelli ta' sensibilizzazzjoni huma osservati fl-Irlanda (67 %), fir-Renju Unit (65 %), u fid-Danimarka (62 %), u dawk l-aktar baxxi f'Malta (9 %), fil-Lussemburgu (12 %), fl-Italja (19 %) u fl-Awstrija (20 %).
- Il-biċċa l-kbira mir-rispondenti (79 %) huma konxji mil-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-pajjiżi ta' residenza tagħhom. L-ogħla rati ta' sensibilizzazzjoni jinsabu fir-Renju Unit (87 %) u fi Franza (81 %), u dawk l-aktar baxxi f'Malta (18 %) u fl-Italja (27 %).

Persuni ta' dixxendenza Afrikana regolarment iħossu diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom f'ħafna oqsma tal-ħajja, kemm abbażi tal-kulur tal-ġilda kif ukoll abbażi tal-orijini etnika jew tar-reliġjon. Ftit ħafna

jirrappurtaw id-diskriminazzjoni li jesperjenzaw lil xi organizzazzjoni, minkejja li huma konxji minn korpi tal-ugwaljanza u liġi kontra d-diskriminazzjoni.

Kejl tad-diskriminazzjoni fl-EU-MIDIS II

L-istħarriġ staqsa lir-rispondenti jekk ħassewx diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom fuq bażijiet differenti (kulur tal-ġilda, orijini etnika jew sfond ta' immigrazzjoni, reliġjon jew twemmin reliġjuż, sess, età, diżabbiltà, orjentazzjoni sesswali), u f'diversi oqsma tal-ħajja.

Ir-rati ta' diskriminazzjoni jindikaw il-perċentwal tar-rispondenti li ħassew diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom f'mill-inqas waħda mill-oqsma tal-ħajja investigati. Ir-rati huma kkalkulati għall-perjodi ta' 12-il xahar u ta' 5 snin qabel l-istħarriġ. Id-determinazzjoni tar-rati ta' diskriminazzjoni abbażi tad-diversi raġunijiet individwali, li jagħmilha possibbli li jiġu identifikati r-raġunijiet l-aktar komuni għad-diskriminazzjoni fost daww mistoqsijin dwarha, kienet possibbli biss għal erba' oqsma tal-ħajja (it-tiftix għal xogħol, fuq ix-xogħol, fl-aċċess għal abitazzjoni, u f'kuntatt mal-awtoritajiet skolastiċi bħala ġenitur), u fir-rigward tal-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ biss.

Rispondenti li indikaw li esperjenzaw diskriminazzjoni fuq mill-inqas waħda minn dawn it-tliet bażijiet speċifiċi – kulur tal-ġilda, orijini etnika jew sfond ta' immigrazzjoni, u reliġjon jew twemmin reliġjuż – intalbu aktar dettalji dwar l-inċident, bl-applikazzjoni tat-terminu ġeneriku "sfond etniku jew ta' immigrazzjoni" biex jinkludi varjetà ta' motivazzjonijiet wara t-trattament diskriminatorju pperċepit. Għalhekk, ir-risultati bbażati fuq din il-kategorizzazzjoni ma jistgħux jiġu diżaggregati aktar skont it-tliet bażijiet individwali.

Kumplessivament, erbgħa minn kull għaxar risponenti (39 %) ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ; wieħed minn kull erbgħa (24 %) ħassew dan fit-tax-xahar ta' qabel l-istħarriġ. Kwart mir-rispondenti (27 %) identifikaw il-kulur tal-ġilda tagħhom bħala r-raġuni prinċipali għalfejn esperjenzaw diskriminazzjoni meta kienu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, fl-edukazzjoni jew fl-abitazzjoni fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Wieħed minn kull ħamsa (19 %) identifikaw l-orijini etnika tagħhom bħala l-bażi ta' diskriminazzjoni prinċipali f'dawn l-oqsma tal-ħajja, u 5 % identifikaw ir-reliġjon jew it-tweemmin tagħhom. Dawk li jilbsu lbies reliġjuż tradizzjonali fil-pubbliku jesperjenzaw livelli ogħla ta' diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon, meta mqabbel ma' daww li ma jilbsux dan it-tip ta' lbies fil-pubbliku (12 % vs 3 %). L-irġiel huma affettwati b'mod partikolari (irġiel: 17 %; nisa: 9 %).

Wieħed minn kull sitt risponenti (16 %) li ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom irrappurtaw jew ressqu lment dwar l-inċident l-aktar reċenti lil xi organizzazzjoni jew korp. Ir-raġunijiet l-aktar komuni għan-nuqqas ta' rappurtar huma t-tweemmin li xejn ma jinbidel b'risultat ta' dan (minn 45 % meta jippruvaw jużaw it-trasport pubbliku sa 16 % meta jiġu f'kuntatt mal-awtoritajiet skolastiċi bħala ġenitur); minħabba li l-inċident ma jkunx jistħoqqlu jiġi rrapportat (minn 40 % fl-edukazzjoni u f'ristorant jew f'bar, sa 24 % meta jfittxu xogħol u fl-aċċess għal abitazzjoni); jew minħabba li ma kellhomx prova li esperjenzaw diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom


(minn 28 % fl-aċċess għall-abitazzjoni sa 6 % meta jiġu f'kuntatt mal-awtoritajiet skolastiċi bħala ġenitur). Madankollu, nofs ir-rispondenti kollha jafu b'mill-inqas korp tal-ugwaljanza wieħed fil-pajjiż fejn jgħixu (46 %), u tliet kwarti huma konxji mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni (79 %).

Fid-dawl ta' din l-evidenza, jista' jiġi osservat li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tistipula li "il-prinċipju tat-trattament ugwali ma għandux iżomm Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjenu jew jikkompensaw għall-iżvantaġġi marbuta mal-orijini tar-razza jew l-etniċità" (l-Artikolu 5). Id-direttiva tistabbilixxi wkoll korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali li għandhom il-kompitu li jgħinu lill-vittmi li jsofru minn diskriminazzjoni, li jwettqu riċerka dwar id-diskriminazzjoni, u li jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni.

F'dan ir-rigward, huwa inkoraġġanti li l-Kummissjoni Ewropea ħarġet rakkomandazzjoni dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza f'Ġunju 2018. Dawn l-istandards huma relatati mal-mandati tal-korpi tal-ugwaljanza, mal-indipendenza u l-effettività tagħhom, kif ukoll mal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom ma' korpi u awtoritajiet oħra. Huwa inkoraġġanti wkoll li f'Ottubru 2018, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità approva l-"Linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u tal-użu ta' data dwar l-ugwaljanza" (*Guidelines on improving the collection and use of equality data*, permezz ta' proċess iffaċilitat mill-FRA.



Figura 3: Prevalenza globali tad-diskriminazzjoni bbażata fuq "sfond etniku jew ta' immigrazzjoni" fit-12-il xahar u fil-5 snin ta' qabel l-istħarriġ, skont il-pajjiż (%)^{a,b,c}



Noti: ^a Mir-rispondenti kollha ta' dixxendenza Afrikana f'riskju ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sfond etniku jew ta' immigrazzjoni f'mill-inqas waħda mill-oqsma tal-ħajja inklużi fl-istħarriġ ("Fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ": n=5,793 u "Fil-5 snin ta' qabel l-istħarriġ": n=5,788); riżultati pponderati, elenkati skont ir-rata ta' 12-il xahar.

^b Oqsma tal-ħajja li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ: tiftix għal xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (proprija jew bħala ġenitur), saħħa, abitazzjoni u servizzi pubbliċi jew privati oħra (amministrazzjoni pubblika, ristoranti jew bar, trasport pubbliku, ħwienet).

^c Saru mistoqsijiet dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni fil-qasam tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa għat-12-il xahar l-aktar reċenti biss, li jiġspjega d-daqsijiet differenti tal-kampjun (n) għaż-żewġ perjodi referenzjarji.

Sors: il-FRA, EU-MIDIS II 2016

Opinjoni 3 tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jissodisfaw il-kompiti tagħhom, kif assenjati mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Dan jinvolvi li jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jiġu allokati biżżejjed riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu kif meħtieġ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Ġunju 2018 dwar standards għal korpi tal-ugwaljanza, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza u l-effettività tagħhom.

Opinjoni 5 tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw għalhekk sistematiċi ta' data affidabbli, valida u komparabbli dwar l-ugwaljanza, diżaggregata skont l-oriġini razzjali u etnika fost karatteristiki protetti oħra, abbażi ta' awtoidentifikazzjoni, u f'konformità mal-prinċipji u s-salvagwardji stipulati taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mar-rappreżentanti tal-gruppi tal-popolazzjonijiet li jinsabu f'riskju ta' diskriminazzjoni razzjali.

Opinjoni 4 tal-FRA

F'konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jintraduċu miżuri biex jipprevjenu jew jikkumpensaw għall-iżvantaġġi marbuta mal-oriġini razzjali jew etnika, kif inhu permess mill-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Żvantaġġi bħal dawn jistgħu jiġu identifikati permezz tal-analiżi sistematiċa ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-oqsma tal-ħajja koperti mill-Artikolu 3 tad-direttiva. L-analiżijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-firxa sħiħa ta' sorsi ta' data disponibbli, inklużi: ċensimenti tal-popolazzjoni; reġistri amministrattivi; sħarriġ fl-unitajiet domestiċi u individwali; sħarriġ dwar il-vittimizazzjoni; sħarriġ tal-attitudnijiet; data dwar l-ilmenti minn korpi tal-ugwaljanza; testijiet ta' sitwazzjonijiet; monitoraġġ tad-diversità mill-impjegaturi u l-fornituri ta' servizz; kif ukoll strateġiji ta' riċerka kwalitattiva, bħal studji tal-każ, intervisti approfonditi u intervisti mal-esperti.

Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol – ma hemmx kundizzjonijiet ekwi

RIŻULTATI EWLENIN


- Wieħed minn kull erba' (25 %) risponenti ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom meta kienu qed ifittxu xogħol fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. L-ogħla livelli ġew osservati fl-Awstrija (46 %), fil-Lussemburgu (47 %) u fl-Italja (46 %).
- Minn kull 10 risponenti, 8 (82 %) jemmnu li l-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika hija r-raġuni prinċipali għalfejn jesperjenzaw diskriminazzjoni meta jfittxu xogħol.
- Wieħed minn kull erba' (24 %) risponenti ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, b'rati kemxejn ogħla osservati għall-irġiel milli għan-nisa (26 % vs 22 %). Ir-risponenti jidentifikaw il-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika bħala l-bażi prinċipali għad-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol (81 %).
- Minn kull 10 risponenti ta' età lavorattiva, 7 (69 %) (li għandhom bejn 20 u 64 sena) jinsabu f'xogħol imħallas, b'rata ogħla fost l-irġiel (76 %) milli fost in-nisa (63 %). L-ogħla rati tax-xogħol imħallas huma osservati fil-Portugall (76 %) u fir-Renju Unit (75 %), u dawk l-aktar baxxi fid-Danimarka (41 %), fl-Awstrija (45 %), fl-Irlanda u f'Malta (48 % kull wieħed).

- Ir-rata ta' ħidma mħallsa fost ir-rispondenti b'edukazzjoni terziarja hija aktar baxxa minn dik tal-popolazzjoni ġenerali.
- Wieħed minn kull ħames (18 %) rispondenti li għandhom bejn 16 u 24 sena la jinsabu f'xogħol imħallas u lanqas f'edukazzjoni jew f'taħriġ, b'differenzi sostanzjali bejn il-pajjiżi. Is-sehem ta' rispondenti żgħażaġh li la jinsabu f'xogħol imħallas u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ huwa l-ogħla fl-Awstrija (76%), f'Malta (70 %), u fl-Italja (42 %), b'differenzi sinifikanti meta mqabbla mar-rata għall-popolazzjoni ġenerali (l-Awstrija: 8 %, Malta: 8 %, l-Italja: 20 %).
- Kważi darbtejn aktar rispondenti b'edukazzjoni terziarja (9 %) huma impjegati f'okkupazzjonijiet elementari – normalment xogħol manwali li jinvolvi sforz fiżiku – milli l-popolazzjoni ġenerali (5 %).²

Is-sejbiet tal-istħarriġ dwar il-parteċipazzjoni fis-sug tax-xogħol huma partikolarment notevoli, u juru li persuni ta' dixxendenza Afrikana huma spiss involuti f'impjieg ta' kwalità baxxa li ma jikkorrispondix għal-livell ta' edukazzjoni tagħhom. Ir-rata ta' xogħol imħallas fost dawk b'lawrja terziarja hija ġeneralment aktar baxxa minn dik tal-popolazzjoni ġenerali.

Kwart tar-rispondenti ta' dixxendenza Afrikana jaħdmu f'okkupazzjonijiet elementari (26 %), li normalment jikkonsistu minn xogħol manwali li jinvolvi sforz fiżiku. Darbtejn aktar rispondenti b'edukazzjoni terziarja (9 %) huma impjegati f'okkupazzjonijiet elementari milli membri tal-popolazzjoni ġenerali b'dak il-livell ta' edukazzjoni (5 %).

Figura 4: Ir-rata tax-xogħol imħallas fost ir-rispondenti ta' dixxendenza Afrikana li għandhom bejn 20 u 64 sena (inkluż impjieg indipendenti u xogħol okkażżjonali jew xogħol fl-erba' ġimgħat l-aktar reċenti) imqabbla mar-rata ta' impjieg tal-popolazzjoni ġenerali, skont il-pajjiż (%)^{a,b,c}



Noti: ^a Mir-rispondenti kollha ta' dixxendenza Afrikana li għandhom bejn 20 u 64 sena (irġiel: n=3,009 u nisa: n=2,114); riżultati pponderati.

^b Popolazzjoni ġenerali 2016: l-Eurostat [lfsa_ergaed], (imniżla fit-3.7.2018).

^c Riżultati bbażati fuq għadd żgħir ta' risposti huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, riżultati bbażati fuq bejn 20 u 49 osservazzjoni mhux ipponderati f'total tal-grupp, jew ibbażati fuq ċelloli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ipponderati huma mniżla f'parentesi. Riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ipponderati f'total tal-grupp mhumiex ipubblikati.

Sors: il-FRA, EU-MIDIS II 2016; il-bażi ta' data tal-Eurostat

2 European Centre for the Development of Vocational Training (2011), p. 36.

Dawn is-sejbiet jissuġġerixxu opportunitajiet mhux ugwali fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fost persuni ta' dixxendenza Afrikana, li jista' jindika diskriminazzjoni. F'dan l-isfond, jista' jiġi osservat li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa msejjes fuq il-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, irrISPETTIVAMENT mill-oriġini razzjali jew etnika, mir-reliġjon jew mit-twelmin. It-tielet prinċipju taħt il-pilastru huwa relatat mat-trawwim ta' opportunitajiet indaqs għal gruppi rrapreżentati b'mod insuffiċjenti.

Opinjoni 6 tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jiżviluppaw miżuri speċifiċi biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal impjieg u fuq ix-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalità aktar baxxa ta' impjieg fost persuni ta' dixxendenza Afrikana. F'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu azzjonijiet għall-promozzjoni ta' awditi tad-diversità fl-intrapriżi pubbliċi u privati u l-ġbir ta' data diżaggregata skont l-oriġini razzjali u etnika; azzjonijiet biex tissaħħaħ il-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent ta' kwalifiki edukattivi u ta' taħriġ minn pajjiżi terzi; jew azzjonijiet li jħeġġu r-reklutaġġ ta' gruppi rrapreżentati b'mod insuffiċjenti fis-settur pubbliku. Is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti b'mod attiv fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura bħal din.

Il-kultur tal-ġilda jaffettwa l-aċċess għal abitazzjoni adegwata

RIŻULTATI EWLENIN

- Wieħed minn kull ħames risponenti ta' dixxendenza Afrikana (21 %) ħassew diskriminazzjoni razzjali fil-konfront tagħhom f'aċċess għal abitazzjoni fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. L-ogħla rati ġew osservati fl-Italja u fl-Awstrija (it-tnejn li huma 39 %), fil-Lussemburgu (36 %) u fil-Ġermanja (33 %). Ir-rati l-aktar baxxi ġew osservati fid-Danimarka u fir-Renju Unit, fejn inqas minn 10 % tar-risponenti semmew esperjenzi bħal dawn.
- Minn kull 10 risponenti, 8 (84 %) jidentifikaw il-kultur tal-ġilda jew id-dehra fiżika tagħhom bħala r-raġuni prinċipali wara l-inċident l-aktar reċenti ta' diskriminazzjoni li esperjenzaw meta kienu qed ifittxu abitazzjoni. Xi raġunijiet oħra jinkludu l-isem u l-kunjom tar-risponenti (16 %) u ċ-ċittadinanza tagħhom (15 %).
- Akar minn 1 minn kull 10 risponenti (14 %) ta' dixxendenza Afrikana jgħidu li ma tħallewx jikru akkomodazzjoni minn sid il-kera privat minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. L-ogħla rati huma osservati fl-Awstrija (37 %), fl-Italja (31 %), fil-Lussemburgu (28 %) u fil-Ġermanja (25 %). Ir-rata l-aktar baxxa hija osservata fir-Renju Unit (3 %).
- Madwar 6 % tar-risponenti jgħidu li ma tħallewx jikru abitazzjoni muniċipali/soċjali minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. Sadanittant, 5 % intalbu jħallsu rata tal-kiri ogħla minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, bir-risponenti fl-Italja (20 %) u fl-Awstrija (18 %) affettwati b'mod partikolari.
- Fost il-popolazzjoni ġenerali fl-UE, 7 minn kull 10 persuni huma s-sidien tal-akkomodazzjoni li jgħixu fiha, li jagħmel is-sjieda l-istatus ta' residenza l-aktar prevalenti. B'kuntrast ma' dan, 15 % tar-risponenti ta' dixxendenza Afrikana huma sidien tal-abitazzjoni tagħhom.
- Wieħed minn kull żewġ risponenti jgħixu f'abitazzjoni b'affollament eċċessiv (45 %), meta mqabbel ma' 17 % tal-popolazzjoni ġenerali tal-EU-28. Wieħed minn kull 10 (12 %) risponenti jesperjenzaw deprivazzjoni ta' abitazzjoni, li tinkludi għajxien f'abitazzjoni mingħajr banju u tojlit jew inkella f'abitazzjoni li hija mudlama wisq, għandha l-moffa fil-ħitan jew fit-twieqi, jew għandha saqaf li jidħol l-ilma minnu.
- Aktar minn wieħed minn kull żewġ risponenti (55 %) għandhom introjtu tal-unità domestika li huwa taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, wara trasferimenti soċjali fil-pajjiż fejn jgħixu. L-ogħla rati huma osservati fl-Awstrija (88 %), f'Malta (82 %) u fil-Lussemburgu (71 %). B'kuntrast ma' dan, dan huwa l-każ għal 14 % tal-popolazzjoni ġenerali fl-Awstrija, u għal 17 % tal-popolazzjoni ġenerali kemm f'Malta kif ukoll fil-Lussemburgu.
- Aktar minn wieħed minn kull 10 (13 %) risponenti ta' dixxendenza Afrikana jgħidu li jsibuha diffiċli ħafna biex iwasslu sa tmiem ix-xahar — aktar milli l-popolazzjoni ġenerali fil-pajjiżi mistħarġa, għajr id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit. Din ir-rata hija l-ogħla fl-Awstrija, fejn wieħed minn kull żewġ risponenti (50 %) jgħidu li jsibuha diffiċli biex iwasslu sal-aħħar tax-xahar. B'kuntrast ma' dan, 4 % tal-popolazzjoni ġenerali tindika li għandha diffikultajiet bħal dawn fl-Awstrija.

Is-sejbiet tal-istħarriġ dwar l-abitazzjoni huma partikolarment notevoli wkoll, u juru li persuni ta' dixxendenza Afrikana jesperjenzaw diskriminazzjoni razzjali fl-aċċess għal abitazzjoni privata u pubblika sa ċertu punt. Ħafna jiffaċċjaw ukoll kundizzjonijiet tal-għajxien prekarji, li jistgħu jħarrxu l-esklużjoni soċjali.

Ħafna rispondenti jgħidu li ma tħallewx jikru akkommodazzjoni minn sid il-kera privat minħabba fl-oriġini razzjali jew etnika tagħhom (14 %). Xi wħud esperjenzaw dan f'abitazzjoni municijali jew soċjali (6 %). Ir-rispondenti jiffaċċjaw riskju partikolari ta' esklużjoni mill-abitazzjoni: 15 % biss huma sidien tal-abitazzjoni tagħhom, meta mqabbel ma' 70 % tal-popolazzjoni ġenerali.


Kważi nofs ir-rispondenti jgħixu f'abitazzjoni b'affollament eċċessiv (45 %), meta mqabbel ma'

17 % tal-popolazzjoni ġenerali fl-UE. Barra minn hekk, wieħed minn kull 10 rispondenti (12 %) jgħixu f'kundizzjonijiet ta' deprivazzjoni severa ta' abitazzjoni. Dan jinvolti għajxien f'abitazzjonijiet b'affollament eċċessiv b'mill-inqas waħda mill-karatteristiki li ġejjin: saqaf li jgħaddi l-ilma minnu, moffa fil-ħitan jew fit-twieqi; l-ebda banju/doċċa u l-ebda tojlit intern; jew l-abitazzjoni tkun mudlama wisq.

Il-maġġoranza tar-rispondenti (55 %) għandhom introjtu tal-unità domestika li huwa taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, wara trasferimenti soċjali fil-pajjiż fejn jgħixu. Wieħed minn kull 10 (13 %) jsibu diffikultajiet kbar biex iwasslu sal-aħħar tax-xahar.

Dawn is-sejbiet iridu jinqraw bi tqabbil mal-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jiġġieldu l-esklużjoni, inkluż fl-abitazzjoni. Jista' jiġi osservat li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipprevedi

Figura 5: Rispondenti ta' dixxendenza Afrikana li jgħixu f'abitazzjoni b'deprivazzjoni severa, meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali, skont il-pajjiż (%)^{a,b,c,d}



Noti: ^a Mir-rispondenti kollha ta' dixxendenza Afrikana (n = 5,028); riżultati pponderati.
^b Popolazzjoni ġenerali 2016: l-Eurostat [ilc_mdhoo6a], (imniżżla fil-15.7.2018).
^c Riżultati bbażati fuq għadd żgħir ta' risposti huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, riżultati bbażati fuq bejn 20 u 49 osservazzjoni mhux ipponderati f'total tal-grupp, jew ibbażati fuq ċelloli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ipponderati huma mniżżla f'parentesi.
^d "Rata severa ta' deprivazzjoni ta' abitazzjoni" hija definita bħala l-perċentwal tal-popolazzjoni li tgħix f'abitazzjoni li titqies bħala affollata b'mod eċċessiv u li għandha waħda jew aktar mill-karatteristiki li ġejjin: saqaf li jgħaddi l-ilma minnu, moffa fil-ħitan jew fit-twieqi, l-ebda banju/doċċa u l-ebda tojlit intern, u li titqies bħala mudlama żżejjed.
 Sors: il-FRA, EU-MIDIS II 2016; il-bażi ta' data tal-Eurostat

aċċess għal abitazzjoni soċjali jew għal assistenza għal abitazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn. L-implimentazzjoni tal-pilastru u l-progress tal-Istati Membri f'dan ir-rigward se jiġu mmonitorjati permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, u huma appoġġati mill-Fondi tal-Unjoni, inklużi l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi għal investiment f'abitazzjoni soċjali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-infrastruttura tal-abitazzjoni, u l-Fond Soċjali Ewropew għas-servizzi soċjali.

Opinjoni 7 tal-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu mill-qrib biex jiżviluppaw miżuri għall-qerda tal-esklużjoni mill-abitazzjoni, b'mod partikolari fejn din hija relatata ma' esperjenzi ta' diskriminazzjoni razzjali. Billi jużaw il-firxa sħiħa tal-fondi applikabbli tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw miżuri biex tiġieb il-kwalità tal-abitazzjoni muniċipali jew soċjali, inkluż fir-rigward tal-affollament eċċessiv. L-iżvilupp ta' dawn il-miżuri għandu jsir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali tal-abitazzjoni.



EU-MIDIS II FIL-QOSOR

- **Kopertura** — L-EU-MIDIS II* stħarreġ 25,515-il persuna bi sfondi ta' minoranza etnika u ta' immigrazzjoni fit-28 Stat Membru kollha tal-UE. Dan is-sommarju jiffoka fuq ir-risposti ta' 5,803 immigranti u dixxendenti ta' immigranti ta' dixxendenza Afrikana li ġew mistħarrġa fi 12-il Stat Membru: l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
- **Il-kampjun tal-EU-MIDIS II** huwa rappreżentattiv kemm għal immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li jgħixu fl-UE u li twieldu f'pajjiż tal-Afrika sub-Saħarjana, kif ukoll għal persuni b'mill-inqas ġenitur wieħed li twieldu fl-Afrika sub-Saħarjana (rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni). Barra minn hekk, fi Franza u fir-Renju Unit, il-kampjun jinkludi rispondenti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni minn dipartimenti extra-Ewropej u territorji extra-Ewropej, kif ukoll mill-Karibew. Ir-rispondenti għandhom mill-inqas 16-il sena, jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, u ilhom jgħixu fil-pajjiż għal mill-inqas 12-il xahar.
- **Limitazzjonijiet relatati mad-definizzjoni tal-gruppi fil-mira** — l-oġettiv prinċipali tal-istrategġija ta' kampjunar għall-gruppi fil-mira kollha fl-EU-MIDIS II kien li tinkiseb rappreżentattività permezz ta' kampjunar bi probabbiltà aleatorja. Billi bosta Stati Membri ma jipprovdux informazzjoni uffiċjali dwar l-orijini razzjali jew etnika fid-*data* amministrattiva, bħala informazzjoni "proxy" għall-ikkampjunar intużaw xi karatteristiki demografiċi, bħal "pajjiż tat-twelid" u "pajjiż tat-twelid tal-ġenituri"**. Għalhekk, l-istħarriġ ma jstax jiddikjara li huwa jiġbor fi ħdanu l-iskala u l-kumplessità sħaħ tal-esperjenzi ta' persuni Suwed madwar l-Ewropa.
- **Karatteristiki tar-rispondenti** — ir-rispondenti għandhom medja ta' 39 sena. In-nisa jikkostitwixxu 51 % mill-kampjun, b'xi differenzi fost il-pajjiżi. Bħala medja, 63 % tar-rispondenti huma ċittadini u 74 % twieldu barra mill-pajjiż. Mir-rispondenti ta' dixxendenza Afrikana, 60 % identifikaw lilhom infushom bħala Nsara u 29 % bħala Musulmani; 6 % indikaw li ma għandhomx reliġjon. Il-profilu soċjodemografiċi jvarjaw b'mod konsiderevoli fost il-pajjiżi ta' residenza u l-pajjiżi ta' orijini.
- **Tqabbil ma' sħarriġ ieħor** — Titjib fil-metodologġija ta' kampjunar u l-applikazzjoni ta' ponderazzjonijiet tat-tfassil tal-kampjun jillimitaw il-komparabbiltà diretta tar-riżultati kollha mal-ewwel mewġa ta' dan l-istħarriġ. Għalhekk, ir-riżultati jitqabblu fir-rigward ta' differenzi sostanzjali għal xi indikaturi magħżula biss. Huwa inkluż tqabbil ma' sħarriġ fost il-popolazzjoni ġenerali, fejn hija disponibbli *data* rilevanti.

* Għal aktar dettalji dwar il-metodologġija, inkluż rigward l-għażla tal-gruppi fil-mira u l-karatteristiki tar-rispondenti, ara FRA (2018), "It-Tieni Sħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: Li Tkun Iswed fl-UE" (*Second European Union Minorities and Discrimination Survey: Being Black in the EU*), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), l-Anness I u l-Anness II; u FRA (2017), "It-Tieni Sħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: Rapport Tekniku" (*Second European Union Minorities and Discrimination Survey: Technical Report*), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, minn p. 14 'il quddiem.

** Fil-Lussemburgu, il-FRA applikat kampjunar bi kwota. Għalhekk, ir-riżultati għandhom jiġu interpretati b'kawtela.



Dan ir-rapport jiddeskrivi fil-qosor xi riżultati magħżula mit-tieni sħarriġ tal-FRA fuq skala kbira madwar l-UE rigward il-migranti u l-minoranzi (EU-MIDIS II). Huwa jeżamina l-esperjenzi ta' kważi 6,000 persuna ta' dixxendenza Afrikana fi 12-il Stat Membru tal-UE. Ir-riżultati juru li, kważi għoxrin sena wara l-adozzjoni ta' liġijiet tal-UE li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, persuni ta' dixxendenza Afrikana fl-UE għadhom jiffaċċjaw preġudizzju u esklużjoni mifruxa u stabbiliti.

Aktar informazzjoni

Għar-rapport sħiħ dwar is-sejbiet tal-istħarriġ — *Second European Union Minorities and Discrimination Survey - Being Black in the EU* ("It-Tieni Sħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Li Tkun Iswed fl-UE"), ara: <https://fra.europa.eu/en/publication/2018/eumidis-ii-being-black>



Ir-razziżmu



Reat ta' mibegħda



L-Ugwaljanza



In-nondiskriminazzjoni

SUSTAINABLE DEVELOPMENT GOALS



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Ritratti: © stock.adobe.com_rcfotostock_17775245;
stock.adobe.com_ajr_images_111262640;
stock.adobe.com-Burlingham-88877073.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-FRA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

FRA – AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA
GĦAD-DRITTIJJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel. +43 (1) 580-60 – Fax +43 (1) 580 30-693
fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

Print: ISBN 978-92-9474-499-9, doi:10.2811/90483
PDF: ISBN 978-92-9474-497-5, doi:10.2811/60046